MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 241/2006/1

**Dr. George Abela**

**vs**

**Carmelo *sive* Charles Vella**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta’ April, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz pprezentat mill-attur nhar l-ghaxra (10) t’Awwissu 2006 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata ‘n linea ta’ danni skond l-Att dwar l-Istampa wara li jigi dikjarat li ngurjah w immalafamah bl-istqarrija ghall-Istampa ai termini tal-artikolu 26 tal-Kap 248 datata erbgha (4)

t'Awwissu 2006 intitolata "*Il-kwistjoni tal-Konferenza Generali Straordinarja tat-Taqsima Settur Pubbliku – Aktar rappurtagg zleali mill-media tal-PN*", kopja ta' din id-dikjarazzjoni hija annessa w immarkata bhala Dok. 'A' u li giet cirkolata lill-*media* u l-mezzi tax-xandir, kif jirrizulta mill-istess Dok. 'A', fejn il-konvenut, bhala awtur tal-istess stqarrija, ghamel allegazzjonijiet li huma foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur u li ghandhom, bhala skop, li joffendu l-unur u l-fama tal-attur u jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.

Rat ir-risposta tal-konvenut Carmelo sive Charles Vella fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi fl-istqarrija ghall-istampa de quo hemm biss fatti maghrufa u *fair comment* dwar kwistjoni t'interess pubbliku, liema kummenti huma accessibli f'socjeta demokratika, kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas- sitta (6) ta' Gunju 2008 (fol. 17) fejn il-partijiet infurmaw il-Qorti li hemm kawza ohra pendenti fuq l-istess mertu bejn ir-rikorrenti odjern u Frans Girxi u l-attur talab li x-xhieda f'dik il-kawza tigi inserita f'dawn l-atti, liema kawza tinsab *sub judice* quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Rat illi l-Avukat tal-konvenut ma kellux oggezzjoni ghal tali talba pero zamm ferm id-dritt tieghu tal-kontr'esami. Illi 'n segwitu Dr. Stafrace ghall-attur esebixxa nota b'kopja tax-xhieda li xehdu fil-proceduri l-ohra kif ukoll kopja tad-dokumentazzjoni relattiva.

Rat l-istqarrija esebita fl-atti w immarkata bhala Dok. 'A' (fol.2), w appuntu l-ahhar parti taghha,

fejn l-attur hass ruhu ngurjat fejn hemm imnizzel '*Il-GWU ma thosshiex sorpriza bil-palata moghtija minn George Abela lill-PN, anke meta tqis l-affinita li ilha tezisti bejnu u bejn il-PN. Ta min ifakkar li hekk kif spicca minn konsulent legal ital-GWU, kien il-Gvern li hatru bhala konsulent f'diversi entitajiet pubblici*.'

**Raymond Abdilla** xehed nhar l-ghoxrin (20) ta' Frar 2007 quddiem din il-Qorti diversament preseduta u x-xhieda tieghu tinsab inserita f'dawn l-atti a fol. 19 et seq (Dok GA 1). Jghid illi huwa gurnalist mal-Medialink Communications Limited u din is-socjeta tiehu hsieb sabiex tippublika gazetta, tiehu hsieb li tellgha *websites* u tiehu hsieb programmi televisivi u fuq ir-radio. Il-gurnali huma 'In Nazzjon' w 'Il-Mument' u l-*website* hija *maltarightnow.com*. Din l-*website* tiehu hsieb dak li jkun qed jigri bhala attwalita u mhux aspetti politici. Rigward radios, din tahdem ma Radio 101 u Net Television. Jghid li huwa jghamel xoghol gurnalistiku ghal dawn il-mezzi kollha.

Jispjega u jghid li dwar il-kwistjoni tal-Mandat t'Inibizzjoni ta' Josephine Attard Sultana, huwa kien ghamel rappurtagg gurnalistiku. Jiftakar li kien fil-gurnata meta il-Qorti kienet tat is-sentenza taghha u huwa kien ghamel rapport. Mistoqsi jekk kienx irraporta s-sentenza jew jekk kienx inkluda wkoll xi kummenti minghand xi persuni, jghid li dakinhar kien ghamel rapport tas-sentenza, kien baghtu x-xoghol *via e mail* u ftit wara kien cempel lil Dottor George Abela ghal xi kummenti. Jghid li kien cempel lilu ghal xi kumment, peress li kien hu l-avukat ta' Josephine Attard Sultana. Dak il-hin fuq it-telefon huwa kien infurmah li l-Qorti kienet ippronunzjat ruħha u hu kien wiegbu li ma kienx ghadu jaf l-ezitu u fil-pront qallu li kienet giet deciza favur tal-klijenta tieghu. Staqsih jekk kienx kuntent bl-ezitu tas-sentenza u huwa wiegbu li ma kien jaf xejn dwarha, izda jekk dak li kien qed ighidlu kien minnu, kien kuntent hafna. Qal li

staqsih xi domandi ohra pero Dottor George Abela kien ghazel li ma jwigibx ghalihom.

Huwa ghalhekk kien cempel lix-xoghol tieghu u qalilhom li kien tkellem ma Dottor George Abela u huma qalulu sabiex jirrevedi r-rapport tieghu u jzid xi kumment dwar dak li ntqal lilu minnu. Huwa hekk ghamel u rega' baghat ir-rapport tieghu mill-gdid.

Ftit wara r-rapport tieghu kien deher fuq il-*website* tal-Maltarightnow.com u l-attur cempillu u qallu li kien hemm xi affarijiet fuq ir-rapport li ma kienx qalhom u fakkru li kull ma kien qallu kien, li kien kuntent bl-ezitu tas-sentenza. Huwa ghalhekk qara ir-rapport li deher fil-*website* ghaliex ma kienx hu li dahhal dan ir-rapport u rrizultalu li dak li qallu l-attur, kien minnu u cioe li kien hemm xi kummenti li fil-fatt ma kienx qalhom l-attur. Huwa rega' cempel x-xoghol u talabhom jaghmlu korrezzjoni fuq l-artikolu u hekk ghamlu u fil-fatt hekk gara, l-artikolu gie sostitwit.

Mistoqsi jekk r-rapport tieghu sabx ruhu biss fuq il-*website* imsemmi izda jekk darx l-mezzi l-ohra ta' komunikazzjoni li hija responsabbli ghalihom il-Medialink Communications Limited, jghid li l-artikolu gie wzat fuq l-*media* l-ohra li jaqghu taht il-kumpanija li huwa impjegat maghha pero sa fejn jaf hu, jaf li l-*media* l-ohra nvoluta wkoll ghamlet il-korezzjoni li ndikat lil Maltarightnow.com.

Jghid li l-attur apparti li tkellem mieghu, kien ukoll kiteb xi ittra lis-socjeta li timpjegah, pero huwa ma kienx raha. Ikkonferma li huwa m'huwiex l-editur u xoghlu huwa biss gurnalist u jirraporta dak li jigri l-Qorti.

**L-attur Dottor George Abela** ukoll kien xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru 2006 liema xhieda tieghu tinsab esebita f'dawn l-atti a fol 22 et seq

(Dok. GA 2). Dan spjega li r-rapport li huwa hass ruhu malafamat bih, hu naxxenti minn kummenti li kienu deheru fil-gurnal ‘In-Nazzjon’ li kienu gew addebitati lilu li qalhom mentri fil-fatt huwa qatt ma kien qal dak li gie effettivament rappurtat. Jghid li l-editur Ghirxi kien hareg dan l-artikolu biex jirribatti l-artikolu li kien deher fil-gurnal ‘In-Nazzjon’, liema artikolu kkwota l-kliem li hu qatt ma kien qal u biex jirribadixxi l-istess kliem hekk riportat. L-uniku kumment li kien qal lil gurnalista Ray Abdilla, kien illi wara lil-Prim Awla ddecidiet il-Mandat t’Inibizjoni fil-konfront ta’ Josephine Attard Sultana kontra l-amministrazzjoni centrali tal-General Workers Union hu sodisfatt bid-decisjoni. Spjega li ‘In-Nazzjon’ kien qal kummenti ohra li hu ma qalhomx u li hu dejjem cahadhom pubblikament. Huwa kien ukoll kiteb lil Ghirxi dwar dawn il-kummenti u qallu li huwa qatt ma kien qal il-kummenti li gew rappurtati. Jghid li fil-fatt fl-artikolu stess fit-tielet kolonna tat-tieni pagna ta’ dan l-artikolu, bil-kliem li jibdew ‘*…sadanitant, ghall-habta…*’ hemm referenza ghal din l-ittra li huwa kien baghat lil konvenut Ghirxi u lil *media* Nazzjonalista, fejn kien cahad dawn il-kummenti li ghogobhom jippublikaw fil-konfront tal-General Workers Union. Huwa kien talab sabiex ic-cahda tieghu tigi publikata u l-*media* Nazzjonalista hekk ghamlet minnufih.

Jghid illi huwa kien avza lil Ghirxi b’dan kollu izda dan nonostante, Ghirxi xorta ppublika l-aritkolu ‘n desamina. Jghid illi huwa hass ruhu mmalafamat bl-artikolu fis-segwenti partijiet. Fit-tielet paragrafu tal-ewwel kolonna li jibda bil-kliem ‘*….. huwa nteressanti …*’ u jispicca ‘*… b’servizz tieghu*’. Fl-ewwel parti tal-istess paragrafu l-artikolist isostni li huwa qed ipaxxi lil *media* Nazzjonalista u dan huwa jichdu kategorikament, ghaliex huwa m’ghadda l-ebda kumment u b’dan huwa nforma anke lil artikolist stess.

Fit-tieni parti tal-istess paragrafu, l-artikolist isostni wkoll illi huwa infexx f'attakk zlejali fuq il-General Workers Union li m'huwiex minnu lanqas. Huwa kien avza lil Ghirxi li huwa qatt ma kien ghamel attakk fil-konfront tal-General Workers Union u lanqas kien ghadda kummenti kif gja spjega.

Hassu wkoll malafamat fil-paragrafu sussegwenti li jibda bil-kliem '*….il-General Workers Union tfakkar ...*' u jispicca '*………mibghuta mill-Gvern*.' Hawnhekk fil-fehma tieghu, qed jigi allegat li huwa abbanduna x-xoghol li kellu mal-General Workers Union u dan huwa jichdu b'mod kategoriku. Fil-professjoni tieghu huwa qatt m'abbanduna lil klijent tieghu li jkun qed jippatrocina minn zmien ghal zmien. Jghid li huwa rrifjuta li jirrispondi ghall-ittra ufficcjali mibghuta mill-Gvern.

Hass ruhu wkoll malafamat bl-alegazzjoni sussegwenti fl-istess paragrafu li tibda bil-kliem '*…dan peress illi ma kienx…*' u tispicca bil-kliem '*…jiena nsostni li din l-allegazzjoni illi jiena ma kontx qed naghmel mal-General Workers Union, li l-General Workers Union tiehu azzjoni kontra l-Gvern Nazzjonalista*' m'huwiex minnu.

Rigward l-allegazzjoni kontenuta fil-paragrafu sussegwenti, l-ewwel wiehed fit-tieni kolonna, jghid li ghalkemm l-artikolist isostni li huwa tkaza bil-militanza fil-General Workers Union, jghid li kumment bhal dan qatt m'ghamlu u qatt ma tkaza b'dawn it-tip ta' affarijiet. L-artikolist ikompli fl-istess paragrafu jikkwota f'*inverted comas* xi diskors li hu allega li ntqal minnu. Huwa jichad li qatt qal dan id-diskors w ghalhekk id-diskors f'dan l-artikolu m'huwiex minnu. Jghid ukoll li huwa kien avza lil artikolist Ghirxi li dan il-kliem qatt ma kien qalu.

Fl-istess artikolu, l-artikolist Ghirxi, jsostni li huwa kien personalment involut fit-terminazzjoni ta' diversi ufficcjali tal-General Workers Union. Huwa

jichad dan b'mod kategoriku u jghid li qatt ma kien involut fit-terminazzjoni ta' hadd. Huwa ghamel hamsa u ghoxrin sena bhala avukat tal-General Workers Union u qatt ma ha decizjonijiet fit-tmexxija tal-istess Union, ghax dawn kienu johduhom l-ufficcjali tal-Union.

Fil-paragrafu sussegwenti jirreferi ghal kliem '*...il-General Workers Union ma thossiex*….' sa '*…..affinita li ilha tezisiti bejnu u l-Partit Nazzjonalista li hatruh bhala konsulent f'diversi entitajiet pubblici*'. Jispjega li dan il-paragrafu qed jirreferi ghall-konsulenza li l-ufficcju tieghu ha mal-MEPA wara li kienet saret sejha pubblika minn l-istess MEPA u li kienu applikaw ghaliha diversi socjetajiet legali w avukati personali. L-artikolista jkompli jghalaq din il-parti tal-artikolu billi jghid li dak kollu li kiteb, kien qed jghidu bi twegiba ghal dak li gie rappurtat li huwa qal lil gurnalista tal-gurnal 'In-Nazzjon', Ray Abdilla. F'dan ir-rigward jerga jikkonferma li huwa ma qal xejn lil gurnalist Ray Abdilla tal-gurnal 'In-Nazzjon', salv li kien sodisfatt bis-sentenza tal-Qorti. Jikkonferma ghal darb'ohra li l-*media* Nazzjonalista kienet gabet il-korrezzjoni tieghu minnufih, pero 'L-Orizzont' baqghet ghaddejja bil-pubblikazzjoni taghha.

Rat l-ittra mibghuta mill-attur lil konvenut Media and Information Officer tal-General Workers Union nhar l-erbgha (4) t'Awwissu 2006, fejn fiha nfurmah li kienet ghadha kemm giet f'idejh stqarrija ghall-istampa mahruga u iffirmata minnu intitolata "*Il-Kwistjoni tal-Konferenza Generali Straordinarja tat-Taqsima Settur Pubbliku – Aktar rappurtagg zleali mill-media tal-PN*", liema stqarrija hija bbazata fuq kummenti li gew attribwiti li saru minnu. F'din l-ittra nfurmah li huwa kien ghadu kemm baghat ittra lil Kap tal-Media Link Comunications fejn infurmah illi dak li kien gie rappurat, ma kienx minnu w ghalhekk talbu sabiex jirtira din l-istqarrija u ma jippublikahiex (Dok. GA 4 fol. 27).

In kontr'esami nhar l-erbgha (4) ta' Marzu 2008, mistoqsi jekk meta huwa ra l-istqarrija li ghamel il-konvenut, kienx mar jara u jivverifika dak li kien intqal mill-Partit Nazzjonalista u cioe li dak li kien qed ighid il-konvenut kienx ibbazat fuqha, qal li dak li kien qal il-konvenut ma kienx fattwali xejn. Qal li huwa kien tkellem mal-konvenut u kien talbu sabiex jikkorregi dak li kien qal, izda minn dan kollu m'ghamel xejn. Jghid ukoll ghal darb'ohra li ma kienx minnu li qal xi kliem dispreggjattiv fil-konfront tal-General Workers Union. Cahad dak li rraporta l-konvenut u sostna li ma kienx veritier.

Il**-konvenut Charles Vella** xehed nhar it-tlieta (3) ta' Lulju 2007 u dan fil-kariga tieghu ta' Kap ta' Dipartiment tal-Media w Informazzjoni tal-General Workers Union. Saritlu referenza ghall-artikolu esebit fl-atti w immarkat bhala Dok. 'A' w ikkonferma li dan gie mahrug minnu. Ikkonferma li l-istqarrija 'n kwistjoni ma gietx miktuba minnu, ghalkemm mahruga minnu. Mistoqsi min kien kiteb din l-istqarrija, jghid li ma jafx, jaf biss li waslet ghandu biex johrogha. Mistoqsi jekk kienx qraha qabel ma harigha, jghid li kien qraha fuq fuq, u harigha minnufih. Qal li kien hemm xi kummenti fuq xi *media* pero ma kienx ghadu semghahom. Kien ghalhekk li dehrlu li kellu johrogha minnufih. Ikkonferma li wara li kien harigha, kien ircieva *fax* u ittra minghand l-attur sabiex jirtira din l-istqarrija u fil-fatt tah xi ragunijiet ghaliex kellu ighamel hekk. Ghamel referenza ghad-dokument fuq imsemmi w immarkat bhala Dok. GA 4. Mistoqsi jekk kienx ircieva wkoll kopja tal-ittra li giet mibghuta lil Media Link Communications (Dok. GA 3), huwa wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi x'passi ha sabiex jirrimedja is-sitwazzjoni u cioe li gie rapurtat lil l-attur qal xi diskors li ma kienx minnu, l-konvenut wiegeb li ma kien ghamel xejn. Qal illi huwa kellu dubju dwar dak li qal l-attur fl-ittra tieghu jekk kienx minnu.

Ikkonferma li huwa kien ircieva l-ittra Dok. GA 4 flimkien mad-Dok. GA 3 dakinhar li kien hareg l-istqarrija.

Rat in-nota tal-atturipprezentata fl-atti nhar il-hmistax (15) t'Ottubru 2007 li permezz taghha huwa esebixxa tlett dokumenti li gew immarkati bhala Dok. 'X', 'Y' u 'Z' li huma rapporti li hargu fil-*press* nhar l-erbgha (4) u hamsa (5) t'Awwissu 2006.

Ikkunsidrat:-

Rat l-ingunzjoni pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-disgha w ghoxrin (29) t'April 2008 (fol.45) fejn il-konvenut talab li jigu ngunti tlett xhieda u cioe Chairman Malta Environment and Planning Authority, Chairman ta' Tug Malta Limited u Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, fejn l-ewwel zewg xhieda ntalbu jixhdu dwar il-process tal-ghazla tal-Konsulent Legali dwar is-sejha u l-offerti relattivi fil-process ta' *tendering* dwar il-kriterju tal-ghazla tal-ufficcju legali Abela Stafrace & Associates u/jew l-Avukat George Abela u dwar il-hlasijiet effettwati lill-istess konsulenti legali mis-sena 2000. Dwar it-tielet xhud u cioe Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, dan intalab sabiex jelenka l-konsulenza moghtija lill-Gvern Malti u lill-entitajiet, korpijiet, kumpaniji, kumitati u bordijiet li jaqghu taht ir-responsabilita jew kontroll tal-Gvern mill-Avukat George Abela wahdu jew bhala parti mill-ufficcju legali Abela Stafrace & Associates u dan mis-sena 2000 sa illum u sabiex jelenka ghall-premess il-hlasijiet maghmula mill-Gvern u entitajiet ecc. lill-imsemmija konsulenti.

Jirrizulta 'n segwitu, li dwar ix-xhud Chairman tat-Tug Malta ma kienx hemm kontestazzjoni u dan ghaliex John Sullivan, Chairman tat-Tug Malta xehed fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Gunju 2008 w

ghalhekk, illum il-kontestazzjoni tal-attur hija biss dwar iz-zewg xhieda l-ohra.

Jidher illi l-kontestazzjoni tal-attur kienet limitata fis-sens li dawn iz-zewg xhieda m'ghandhomx jithallew jixhdu dwar id-dhul jew operat ta' l-ufficcju legali Abela Strafrace & Associates, izda ghandhom jixhdu limitatament dwar l-introjtu ta' Dottor George Abela, ghaliex dan l-ufficcju legali ma ssemmiex fil-*press release* mertu tal-kawza.

Il-Qorti rat id-digriet taghha tal-ghaxra (10) ta' Lulju 2008 fejn iddecidiet li l-prova dwar l-introjtu tal-ufficcju legali Abela Stafrace & Associates m'ghandux jifforma parti minn din il-kawza qabel ma jigi ppruvat li hemm ness bejn l-attur u l-ufficcju legali Abela Stafrace & Associates.

Rat il-verbal tat-tmienja (8) ta' Jannar 2009 fejn il-konvenut talab zmien sabiex jipprezenta nota.

Rat id-digriet taghha tal-istess jum fejn akkordatlu t-talba u kienet tatu zmien jaghmel dan sal-ahhar ta' Jannar 2009 bil-visto tal-kontro parti.

Rat pero, li tali nota qatt ma giet ipprezentata.
Ikkunsidrat:-

Illi qabel xejn jigi rilevat li hafna minn dak li qal l-attur fl-affidavit tieghu u li gie rappurtat f'din is-sentenza, ma japplikax ghal kaz in esami, izda ghal kaz li llum gie deciz kontra Frans Ghirxi. Nonostante dan pero, l-Qorti hasset li kellha tirraportah peress li ntqal minnu u l-partijiet xtaqu li tali xhieda tifforma parti minn din il-kawza.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti, li l-attur hass ruhu malafamat bl-istqarrija li hareg l-attur fil-gurnal 'L-Orizzont' nhar l-erbgha (4) t'Awwissu 2006 intitolata "*Il-kwistjoni tal-Konferenza Generali Straordinarja tat-Taqsima Settur Pubbliku – Aktar*

*rappurtagg zleali mill-media tal-PN"* li kopja taghha hi esebita fl-atti w immarkata bhala Dok. 'A'.

Meta xehed, huwa ghamel referenza ghal dik il-parti fejn hass ruhu ngurjat u cioe meta il-konvenut qal li l-attur "*iddikjara ruhu sodisfatt bid-decisjoni biex qed ipaxxi lil media tal-PN nfexx f'attakk żleali fuq il-General Workers Union* ......"

Illi l-attur ipprova, tramite ix-xhieda tieghu, li huwa kien informa lil konvenut li dak li kien intqal fl-istqarrija tieghu, ma kienx minnu w ghalhekk kien talbu sabiex jirtira dak rappurtat minnu. Jidher car minn dak li qal l-attur fix-xhieda tieghu, li ma gie kontradett minn hadd, li huwa qatt ma nfexx f'xi forma ta' attakki kontra l-Union u lanqas qatt ma ried ikun servili lejn il-Partit Nazzjonalista.

L-attur ressaq bhala xhieda sabiex jikkolobora dak li qal hu meta gie mistoqsi jikkummenta fuq is-sentenza, lil gurnalist Raymond Abdilla, li kkonferma dak li qal l-attur u cioe li l-attur qallu biss bhala kumment li kien sodisfatt bid-decisjoni tal-Qorti.

L-attur ipprova wkoll li kien informa lill-konvenut permezz t'ittra, li dak li kien irrapporta, kien inveritier u kien sahansitra talbu sabiex jirtira jew jikkorregi l-istqarrija li kien ghamel, kif effettivament kienet ghamlet l-*media* tal-Partit Nazzjonalista, izda dan nonostante deherlu li ma kellu jghamel xejn minn dan.

Il-konvenut, minn naha tieghu, strah biss fuq ix-xhieda tieghu u xi xhieda li xehdu dwar l-introjtu tal-attur u jghid li ma kienx hu li kiteb l-istqarrija, izda kien hu li harigha wara li kien qraha fuq fuq. Jghid ukoll, li verament kien ircieva komunikazzjoni minghand l-attur, fejn dan gibidlu l-attenzjoni tieghu, li dak li kien irraporta, ma kienx korrett w ghalhekk gie mitlub jaghmel korrezzjoni, izda dan nonostante dehrlu li ma kellu jghamel

xejn. Qal li dak li rraporta hu, kien diga gie rappurtat fil-*media* tal-Partit Nazzjonalista w ghalhekk il-kontenut kien diga maghruf mis-socjeta 'n generali. In effetti jghid li wisq probabbli, l-istqarrija kienet ibbazata fuq dak li kien rappurtat originarjament mill *media* tal-Partit Nazzjonalista.

Illi ghalhekk jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut verament ried jimmalafama lill-attur b'ghemilu u dan ghaliex ghamel allegazzjonijiet inveritieri u foloz meta kien jaf li kienu hekk w ghalhekk l-attur ghandu ragun ihossu mzeblah w ingurjat.

Ta min ifakkar, kif gie rapurtat fis-sentenzi nostrana taghna, li d-dritt ta' kronaka f'kull kaz, timporta li l-fatti esposti, jkunu oggettivament jikkorrispondu ghal verita "fatti veri fil-kompletezza taghhom" (**il-Pulizija vs Dr. Carmelo Caruana et** Appell Kriminali deciz nhar l-erbatax (14) t'Awwissu 1958) li jkunu wkoll ta' rilevanza pubblika.

**Gately** fil-ktieb tieghu "**On slander and Libel**" *Seventh Edition 1974 para 261 pagna 263* ighid:-

*"Every publication of a libel is a new libel and each publisher is answerable for his act to the same extent as if the calumnu originated from him. It is no defence to an action for such republication that the defendent received the libellous statement from another person whose name he disclosed at the time of publication. Because one man does an ulawful act to any person, another is not permitted to do a similar act to the same person. Wrong is not to be justified or even excused by wrong."*

Fil-fehma ta' din il-Qorti, d-dritt ta' kronaka li ghandu l-konvenut, m'ghandhiex tipprevali fuq id-dritt tal-attur ghall-integrita tal-persuna tieghu,

> specjalment meta jirrizulta li dak li qal l-konvenut, kien falz.
>
> Ghaldaqstant l-Qorti tilqa t-talba attrici u tiddikjara li l-konvenut immalafama lill-attur fl-istqarrija tieghu ghall-Istampa ai termini tal-artikolu 26 tal-Kap 248 datata erbgha (4) t'Awwissu 2006 intitolata "*Il-kwistjoni tal-Konferenza Generali Straordinarja tat-Taqsima Settur Pubbliku – Aktar rappurtagg zleali mill-media tal-PN*", u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' elfejn euro (€2,000) w ghalhekk tordna lill-konvenut ihallas lil attur dik is-somma hekk likwidata permezz ta' din id-decisjoni.
>
> L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu mill-konvenut.**"**

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza l-konvenut jobbjetta kif gej:-

(1) In-nullita ta' l-istess sentenza billi fuq il-wicc taghha din turi li nghatat fit-22 ta' April, 2009 u mhux d-data tat-2 ta' April, 2009 f'liema giet pronunzjata;

(2) Il-kummenti li l-ewwel Qorti sabet malafamanti jikkontjenu biss fatti maghrufa u *fair comment* dwar kwestjoni ta' interess pubbliku. Tali kummenti huma accettabbli f'socjeta` demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

(3) Tenut rigward tac-cirkostanzi kollha tal-kaz l-ammont tad-danni likwidati huwa eccessiv;

Taht l-ewwel motiv ta' aggravju l-appellanti jissottometti li d-data tas-sentenza hi wahda mill-elementi l-aktar importanti u dan ghal ragunijiet varji li hu jelenka fil-korp tar-rikors ta' appell; fondamentalment, ghad-dekorriment taz-zmien statutorju ghall-prezentata ta' l-appell. Huwa jaqbel bhala stat ta' fatt illi l-kawza kienet imhollija ghas-

sentenza ghat-22 ta' April, 2009 u li din giet rikjamata, fuq talba ta' l-attur, ghad-data tat-2 ta' April, 2009 fejn giet pronunzjata. Jikkontendi, izda, illi la darba s-sentenza kienet tindika d-data tat-22 ta' April, 2009 (ara kopja minnu esebita flimkien mar-rikors ta' l-appell) dik l-istess data ma setghetx, u ma messiex, tigi amministrattivament korretta sussegwentement ghall-pronunzjament taghha;

Hemm certament qbil ma' l-appellanti illi d-data tas-sentenza hi elementi essenzjali taghha, u dan ghaliex hu proprju ghal din id-data li wiehed irid jaghmel riferiment biex jistabilixxi l-legittimazzjoni ta' l-istess sentenza u ghall-konsegwenzi, sija procedurali (l-appell minnha jew il-gudikat) sija sostantivi (id-dekors ta' l-imghaxijiet), li jiskaturixxu minnha;

Issa l-inkartament tal-kawza juri illi s-sentenza originali in atti (fol. 79) hi datata kif ghandha tkun, u cjoe, it-2 ta' April, 2009. Din l-istess data hi mbaghad dezumibbli wkoll mill-verbal ta' l-udjenza li fih inghatat is-sentenza (fol. 78). Dik, invece, esebita mill-appellanti (fol. 111) turi d-data tat-22 ta' April, 2009. Huwa ghal din ir-raguni illi l-appellanti jippretendi li s-sentenza *de qua* tigi dikjarata nulla;

Din il-Qorti mhix f'qaghda li tghid x'effettivament gara u ghaliex il-kopja esebita mill-appellanti turi data mod mentri dik fl-atti quddiem l-ewwel Qorti turi data ohra. Li tista' tghid fic-cert hu li bejn id-data tas-sentenza (fol. 79) u d-data ta' l-udjenza (fol. 78), ma tezisti ebda diskordanza u, anzi, id-data fil-wahda hi identifikabbli ma' l-ohra. Hi disposizzjoni tal-Kodici ritwali, ex-Artikolu 220, illi r-registrazzjoni tas-sentenza maghmula skond dan id-dispost tifforma prova awtentika. Ara Artikolu 61 (1) ta' l-istess Kodici. Jikkonsegwi illi, fuq il-bazi tar-riljev maghmul fis-sentenza fl-ismijiet "**Marianna Parlar -vs- Lucy Psaila *nomine***", Appell Inferjuri, 29 ta' Lulju, 1957, xejn ma jiswa li giet rilaxxjata l-kopja a fol. 111 bid-data tat-22 ta' April, 2009 ghaliex din mhix konformi ghar-Registru, "unika prova awtentika";

Biex jinghad kollox, imbaghad, tezisti ukoll ic-certezza illi d-differenza apparenti bejn iz-zewg dati, lill-appellanti ma gabitlu ebda pregudizzju tant li hu intavola l-appell tieghu mis-sentenza tat-2 ta' April, 2009 fiz-zmien utli skond it-termini ta' l-Artikolu 226 (1), Kapitolu 12. Fi kwalunkwe kaz, kif ukoll rilevat fil-precitat sentenza, l-eccezzjoni tan-nullita moghtija lanqas ma tista' tigi milqugha meta s-sentenza, fis-sustanza taghha, tinsab li hi gusta. Ara Artikolu 790, Kapitolu 12. Fic-cirkustanzi l-ewwel aggravju qieghed jitqies insostenibbli;

B'introduzzjoni ghat-tieni motiv ta' aggravju, huwa utli, gjaladarba l-punt gie sollevat ukoll mill-appellant, illi jigi ribadit dak drabi ohra ravvizat minn din il-Qorti f'materja ta' diffamazzjoni bil-mezz ta' l-istampat illi d-dritt ghar-reputazzjoni jidhol fil-katergorija ta' dawk id-drittijiet invjolabbli tal-bniedem. Dan bl-istess mod li d-dritt ta' l-espressjoni hielsa hi l-fondament ta' stat demokratiku, formanti parti mill-kategorija tad-drittijiet pubblici soggettivi. It-tnejn huma, kostituzzjonalment u konvenzjonalment, imharsa. Ukoll, pero`, iz-zewg valuri, spiss drabi, isibu ruhhom f'qaghda ta' konflitt;

Fir-rigward ta' dan il-konfront il-ligi ma tforni ebda kriterju fiss u kollox hu mholli ghall-valutazzjoni ta' kull kaz singolari. B'danakollu, il-gurisprudenza tipproponi certi rekwiziti ghall-osservanza taghhom minn min irid jiddivulga informazzjoni lill-pubbliku u lill-qarrejja in generali. Hekk jinghad li d-dritt tal-kronaka bil-mezz ta' l-istampat jew b'mezzi ohra informattivi hu legittimu meta dak rakkontat (i) ikun bazat fuq fatti intrinsikament veri, fil-kompletezza taghhom, (ii) il-fatti, ghal dik li hija l-fonti u l-attendibilita` taghhom, ikunu sew u diligentement investigati u vverifikati, b'mod li jkun hemm korrispondenza sostanzjali bejn il-fatti kif issuccedew u l-fatti accertati, u (iii) li l-istess fatti jkunu prodotti f'forma oggettiva u minghajr zieda ta' espressjonijiet jew kliem b'ton diffamatorju. Ovvjament, dan ma jfisserx illi l-

gudizzju processwali ta' l-awtur ta' l-istampat huwa pprojbit. Iffisser biss li l-interpretazzjoni tal-fatti, jew tal-komportament u l-atti tal-bniedem iggudikat, ghandha tithaddem fil-qafas u fir-rispett tal-verita oggettiva, ghax jekk issir fuq il-bazi ta' fatti mhux veri, ma tistax hlief isservi bhala pretest biex wiehed joffendi r-reputazzjoni u l-unur tal-persuna kkritikata. Mhux il-kaz li l-Qorti toqghod taghmel referenza ghal sentenzi specifici fuq dan il-punt appena espost anke ghaliex dawn huma kopjuzi u x-xelta fosthom mhux ta' facli spedizzjoni;

Applikat dan li nghad ghall-fattispeci tal-kaz singolari hawn affrontat din il-Qorti ma tistax tonqos li tirravviza fl-ewwel lok illi certi provi prodotti huma dawk l-istess migjuba fil-kawza "**Dr. George Abela -vs- Frans Ghrixi**" (Avviz Numru 240/06 SM), finalment deciza b'sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Novembru, 2008. Hemm ukoll, bhal f'dan il-kaz, l-attur odjern kien issenjala b'offensivi ghar-reputazzjoni tieghu dawn l-estratti:-

(1) li biex ipaxxi lil-media tal-PN hu nfexx f'attakk sleali fuq il-GWU, li fil-passar kienet taghmel uzu mis-servizzi tieghu;
(2) li kien abbanduna x-xoghol tal-GWU meta ma riedx jirrispondi ghall-ittra ufficcjali mibghuta mill-Gvern;
(3) li fil-passat kien personalment involut fit-terminazzjoni ta' diversi ufficcjali tal-Union;
(4) li l-GWU ma thossiex sorpriza bil-palata moghtija meta tqis l-affinita` li tezisti bejnu u l-PN, tant li l-Gvern, hekk kif hu spicca minn konsulent legali tal-GWU, hatru konsulent f'diversi entitajiet pubblici;

Akkoppjat ma' dan hemm ukoll id-dikjarazzjoni deposta mill-attur in kontro-ezemi (fol. 42) illi l-konvenut qatt ma vverifika mieghu biex jara jekk huwiex veru li hu kien tenna l-kliem irraportati f'sezzjoni ta' l-istampa tal-PN. Mhux dan biss, ghaliex ukoll, dejjem skond l-attur, ghalkemm hu informa lill-konvenut ukoll permezz ta' missiva, li hu ma qalx il-kliem attribwit lilu, dan xorta wahda ghadda biex ippubblika l-istqarrija tieghu;

Mhux il-kaz li l-Qorti toqghod anke hawnhekk tirrepeti l-istess konsiderazzjonijiet minnha maghmula f'dik id-decizjoni l-ohra surreferita imma tibbasta li dawk l-istess konsiderazzjonijiet taghmilhom applikabbli ghall-appell prezenti. Opportunement tillimita ruhha ghar-riflessjoni unika illi, ghalkemm hu veru li wiehed ghandu jhalli spazju ghal gudizzju personali, l-istess m'ghandux ikun akkompanjat minn gudizzju impertinenti ta' dizvalur tal-persuna kkritikata u b'mod li jikkolpixxi oltre l-limiti akkonsentiti r-reputazzjoni u l-prestigju professjonali u socjali tieghu. Proprju ghall-fatt ta' l-inosservanza ta' dawk il-limiti l-awtur tal-pubblikazzjoni ma jistax jivvanta l-iskriminanti mir-responsabilita ghad-danni, lanqas f'sede civili. Ghall-istess ragunijiet dedotti f'dik id-decizjoni l-ohra anke dan it-tieni aggravju qed jitqies infondat. Dan ukoll fejn l-appellanti jilmenta li ma nghatax mill-ewwel Qorti l-opportunita` li jiddefendi ruhu bis-shih. Huwa veru li dik il-Qorti cahditlu b'digriet tal-10 ta' Lulju, 2008 it-talba tieghu biex iressaq provi dwar id-dhul ta' l-appellat bhala parti mill-ufficcju legali Abela, Stafrace & Associates. Eppure, imbaghad, wisq stranament, huwa ma appellax ukoll minn dan id-digriet u lanqas ma talab ir-revoka tieghu. Ghalhekk ukoll dan l-ilment tieghu huwa inattendibbli;

Kwantu ghall-ahhar motiv ta' aggravju din il-Qorti gja ssenjalat il-principju, estratt sew mid-duttrina Ingliza u wkoll dik kontinentali, illi fil-likwidazzjoni tad-danni morali minn lezjoni ghar-reputazzjoni ghandhom jigu kkonsidrati generalment tliet kriterji, jigifieri, (i) il-gravita` ta' l-allegazzjoni, (ii) l-estensjoni tad-diffamazzjoni, u (iii) il-kwalita tas-soggett lez. Ara **Franzoni** "**Le obbligazioni da fatto illecito**", Ed. Utet, 2004, pagna 603 u l-**Gatley**, "**On Libel and Slander**", 7th Ed, 1974, para. 1356. Ara wkoll is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Perit Dom Mintoff -vs- Saviour Balzan**", 22 ta' Marzu, 2006 u "**John Cassar White *et* -vs- Dr. Richard Sladden *nomine***", 27 ta' Marzu, 2009;

Fid-dawl tal-fattispeci u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, bl-adoperu wkoll tat-tliet kriterji bazici fuq affermati, din il-Qorti ma ssibx li l-appellanti jista' jinghata ragun fl-ilment tieghu dwar l-eccessivita` tad-danni. Dan, almenu, in bazi ghall-assunt tieghu tal-paragun ma' decizjonijiet ohra. Ara, ad ezempju, "**L-Avukat Dottor Michael Falzon -vs- John Zammit *nomine***", Appell, 9 ta' Jannar, 2009 fejn il-kwantum likwidat anke kif ridott minn din il-Qorti kien ta' €4658.75, jew ukoll, dak fis-sentenza fuq citata "**Cassar White *et* -vs- Sladden *nomine***" fejn l-ammont ta' kumpens kien ta' €10,000 ghal kull wiehed mill-atturi;

Maghdud dan, mill-banda l-ohra, gjaladarba kif ikkonstatat ma tezisti ebda diversita` bejn il-fattezzi tal-kaz prezenti u dawk tal-kaz l-iehor ta' l-istess attur kontra Frans Ghirxi, din il-Qorti hi tal-fehma illi, hawnhekk, ir-rizarciment tad-danni ma ghandux jissupera dak ta' l-ammont ta' €1400 iffissat mill-Qorti f'dak il-kaz l-iehor. Ghaldaqstant huwa xieraq li l-ammont likwidat jigi ridott ghal din is-somma.

Ghal motivi kollha predetti l-Qorti, filwaqt li tichad l-ewwel zewg aggravji, tilqa' t-tielet wiehed fis-sens li tvarja l-likwidazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti u tirreduci l-istess ghas-somma ta' elf u erba' mitt euro (€1400) pagabbli mill-konvenut lill-attur in linea ta' danni. L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu a karigu tal-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------